MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2008

Numru. 1034/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**
**SPETTUR KEITH ARNAUD**

**KONTRA**

**JOSEF SHARFID**
**RITA BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Joseph Sharfid ta’ 33 sena, bin Mohammed u Maria Dolores nee’ Mangion, imwieled Pieta, nhar id- 9 ta’ Awwissu 1975, u residenti fil- fond 191, Triq ir-

Repubblika, Valletta detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 392375(M);

U

Rita Borg ta’ 26 sena, bint Theresa Borg, mwielda Pieta nhar l- 14 ta’ Awwissu 1982, detentrici tal- karta tal-identita’ bin- numru 441782M u residenti gewwa 191, Triq ir- Repubblika, Valletta u detentrici tal- karta tal- identita’ bin- numru 441782(M)

Li gew imressqa sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet ;

Talli:

1) Nhar it- 23 ta’ Ottubru 2008, bejn 14.50 u 19.30, gewwa Triq il- Gardell, San Gwann, ikkommettew serq minn gewwa residenza numru 7 ghad- dannu ta’ Christine Portelli u Emma Portelli, liema serq huwa aggravate bil-mezz, bil- valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil- lok;

2) U aktar talli fit- 23 ta’ Ottubru 2008, u fil- granet ta’ qabel din id- data, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa li l- valur taghhom jeccedi s-somma ta’ elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu ( €2,329.37) mehuda b’qerq jew akwistati b’reat, sew jekk sar f’ Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghhom jew imexxihom;

3) Lil Josef Sharfid wahdu akkuzat talli irrenda ruhu ricediv ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta wara li nstab hati b’diversi sentenzi tal- Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

4) Lil Rita Borg wehidha akkuzata bi ksur tal-Probation a tenur tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn kienet giet misjuba hajta b’sentenza tal- Qorti tal- Magistrati (Malta)u liberata bil- kundizzjonijiet kontemplati fl- istess Artikolu.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom fl-aktar stadju bikri f' dawn il-proceduri, wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi;

**Ikkunsidrat:**

In vista tal-ammissjoni taz-zewg imputati, il-Qorti ghandha biss tikkonsidra l-piena f' dan il-kaz. Il-Prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti li l-oggetti misruqa kollha gew ritornati lil sidhom, u l-imputati t-tnejn ghenu lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom. Dan jirrisulta b'mod car ukoll mill-istqarrija taz-zewg imputati esebiti fl-atti. Ghalhekk il-Qorti tista' tqis dawn ic-cirkostanzi, fl-imkien mal-ammissjoni bikrija, ghall-finijiet ta' piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 269, 279(b), 334, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmijin imputati hatja u ghaldaqstant tordna lill-imputata Rita Borg titqieghed taht Ordni ta' Probation ai termini tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 ghal perijodu ta' tlett (3) snin;
Waqt li tikkundanna lil Joseph Sharfid ghal terminu ta' tlitt (3) snin prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------